**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Tlieta u Hamsin (53)**

**8 ta' Awwissu 2022**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fis-6.15 ta' filgħaxija b'mod virtwali.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Victor John Curmi - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Aaron Agius – Kunsillier
Anthony Attard - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

53.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tal-Vici Sindku Aaron Agius u tal-Kunsillier Anthony Attard li ma setghux jattendu ghal-laqgha b'urgenza tal-lum.

53.1.2 Il-Kunsilliera preżenti unanimament aċċettaw din l-apoloġija.

**53.2 Il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra fl-attivitajiet relatati mal-festa ta' Marija Bambina 2022**

53.2.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li hu sejjah din il-laqgha b'urgenza sabiex jiddiskuti l-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xaghra fl-attivitajiet relatati mal-festa ta' Marija Bambina ta' din is-sena.

53.2.2 Is-Sindku qal li rcivejna korrispondenza minghand l-Arcipriet tal-Parrocca, Mons. Carmelo Refalo, li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali li l-Kumitat Centrali tal-Festa qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill ghal diversi attivitajiet organizzati minn hames sotto-kumitati differenti.

53.2.3 Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li ghandna nikkollaboraw ma' dawn is-sotto-kumitati fl-organizazzjoni ta' dawn l-attivitajiet bi spiza li ma teccedix is-somma ta' € 1200 ghal kull ghaqda elenkata.

53.2.4 Is-Sindku qal li rcivejna korrispondenza wkoll minghand is-Sur Joseph Bajada, Segretarju tas-Socjeta' Filarmonika *Victory*, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali fl-organizazzjoni tal-Programm Muzikali tal-festa ta' Marija Bambina li ser isir nhar l-Erbgha 31 ta' Awwissu 2022 fi Pjazza Il-Vitorja.

53.2.5 Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li ghandna nikkollaboraw mas-Socjeta' Filarmonika *Victory* fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' bi spiza li ma teccedix is-somma ta' € 1200.

53.2.6 Il-Kunsillier Victor Curmi propona u l-Kunsill qabel unanimament li ghandna ninfurmaw lill-Arcipriet tal-Parrocca sabiex jirregistra lill-ghaqdiet u sotto-kumitati li jahdmu favur il-festa ta' Marija Bambina mal-Kummissarju tal-Ghaqdiet Volontarji sabiex ikunu jistghu jibbenefikaw minn diversi skemi u inizjattivi li dan l-Ufficcju johrog minn zmien ghal zmien.

53.2.7 Il-laqgha tal-Kunsill intemmet fis-6.30pm.

**IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**